**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 11 ta' Gunju 2025**

**Rikors Numru: 3/2025 MLF**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru: 2424/2024 fl-ismijiet:**

**Automated Revenue Management Services Limited f'isimha propju u ghan-nom tal-Korporazzjoni Enemalta p.l.c. u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma**

**vs**

**Jane Vella**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ta' Jane Vella fejn esponiet:

Illi fl-10 ta' Dicembru 2024, hija giet infurmata permezz ta' ittra mill-bank APS Bank fejn giet infurmata li l-bank gie notifikat b'mandat ta' sekwestru numru 2424/2024 ghall-ammont ta' €922 fl-ismijiet ARMS Ltd pro et nomine kontra Jane Vella ID 0307651M

Illi l-bank APS infurmaha li huwa gie servut u notifikat b'mandat ta' sekwestru u li ghalhekk il-bank qed izomm l-ammont ta' €1094, li jirrapprezenta l-ammont indikat fil-

mandat ta' sekwestru u maghhom spejjes legali u xi spejjez ohra u dan fl-account number 11954130011l-akkont uniku li ghandha;

L-ittra tal-bank hija iffirmata mill-manager tal-Mosta Branch tal-APS, Christine Desira, immarkata bhala Dok A annessa ma' dan ir-rikors, u illi ftit qabel ma rceviet in-notifika mill-istess bank, jigifieri fl-10 ta' Dicembru 2024, hija rceviet ittra ohra minghand l-ARMS datata 30 ta' Novembru 2023, mmarkata bhala Dok B u annessa ma' dan ir-rikors, fejn hemm indikat minghajr pregudizzju fejn min qed jikteb, l-avukat Noel Bezzina, kitbilha hekk, "Inkarigat nikteb ghan-nom tal-ARMS Ltd, ta' Gattard House, National Road, Blata l-Bajda, sabiex ninterpellak thallas l-ammont ta' €823.05 aktar il-quddiem indikat bhala l-ammont sa mhux aktar tard minn 7 t'ijiem mid-data ta' din l-ittra. L-ammont huwa rapprezentani bilanc dovut lill-ARMS ghall-konsum ta' elettriku jew ilma jew service charge fil-fond fl-indirizz Amigo Hut 55, Ta' Qali limiti tar-Rabat kif indikat fil-kontijiet varji mibghtutin lilek. Fl-eventwalita li l-pagament tal-ammont ma jigix effettwat jew ma tersaqx ghal ftehim bonarju fiz-zmien koncess lilek, ARMS Ltd ma jkolla l-ebda alternattiva hlief li tiehu passi legali kontrik inkluz li jigi sospiz kull servizz iehor irregistrat f'ismek u dan minghajr ebda avviz iehor jekk ikun il-kaz. Ghandi ninfurmak li qed tizdied is-somma ta' €12 mal-kont tieghek bhala spejjez amministrattivi."

Illi r-rikorrenti saret taf li dan il-kont imsemmi ma japplikax ghall-post fejn hi toqghod hekk kif hi bhalissa toqghod f'container peress li giet zgumbrata mill-fond imsemmi cioe Amigo near Hut 55, fejn qed issir referenza ghan-numru tal-kont 101000167426 – anness mar-rikors promotur bhala Dok C, li huwa Amigo near Hut 55, Ta' Qali limiti tar-Rabat u dan peress li f'sentenza tal-Qorti tal-Appell (kompetenza inferjuri) Appell numru 50 tal-2017, bl-ismijiet Jane Vella kontra Malta Industrial Parks Ltd, datata 14 ta' Mejju 2018, fejn il-Qorti ddecidiet li l-imsemmija rikkorenti ghandha tigi zgumbrata mill-propjeta li tinsab tal-Crafts Village li tinsab murija fil-pjanta mmarkata Dok X fid-dokument anness ma' dan ir-rikors u mmarkat bhala Dok D, liema zgumbrament hemm kemm id-dar Amigo Farmhouse kif ukoll Amigo near Hut 55 f' Ta' Qali limiti tar-Rabat, tant hu hekk illi hi giet zgumbrata mill-Marixxall skond l-Artikolu 384 u dan fl-2021 kif indikat f'Dok D meta hija kienet diga hallset assaldu l-kont 101000167426 fil-15 ta' Gunju 2021 fl-ammont ta' €87.75 fejn il-konsum tal-elettriku kien zero u l-konsum tal-ilma kien zero u dan fid-dokumenti kollha annessi ma' dan ir-rikors, gia indikat Dok C.

Malta Industrial Parks Ltd li huma l-persuna guridika li okkupat u hadet il-propjeta kollha fejn kienet fil-pussess tal-istess rikorrentI [sic];

Ghalhekk minn dak iz-zmien li giet zgumbrata 2021 sal-lum, kull konsum tal-elettriku jew ilma fir-rigward ta' Amigo near Hut 55, account number 101000167426, qatt ma seta sar min-naha tar-rikorrenti imma seta sar u sar min-naha ta' min okkupa l-post issa skond is-sentenza tal-Appell inferjuri gia citata Dok. D, u cioe mill-Malta Industrial Parks Ltd;

Minghajr pregudizzju din is-sitwazzjoni ingusta, ir-rikorrenti tifhem li ghandha tigi rizolta b'mod bonarju u amministrattiv imma fil-frattemp u ghalhekk qed isir dan ir-rikors, peress illi fil-kont uniku bankarju taghha fl-APS Bank Mosta Branch 11954130011 hi tircievi l-pensjoni taghha minghand is-Sigurta Socjali inkluz dawk tal-mard, u ghalhekk ghandha dal-kont fejn fih tidhol kull pensjoni, li issa huwa maqbud per konsegwenza tal-mandat ta' sekwestru numru 2424/2024, mill-bidu ta' Dicembru u mhux qed tithalla tigbed il-pensjoni u dan meta skond l-Artikolu 381 Para 1 B tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn kull pensjoni, allowance u kull assistenza mahruga taht l-Att tas-Sigurta Socjali ma tistax tkun suggett ta' mandat ta' sekwestru u li ghalhekk il-Qorti hija mitluba biex tordna b'digriet urgenti lill-istess bank APS fergha tal-Mosta, fejn ghandha l-kont uniku ir-rikorrenti, biex b'mod immedjat tithalla tigbed l-ammont ta' flus li ghandha bzonn mill-istess kont, fejn tidhol biss il-pensjoni u xejn aktar, u dan b'effett u b'lura mid-data tan-notifika tal-istess mandat ta' sekwestru lill-bank.

2. Rat ir-risposta ta' Automated Revenue Management Services Limited pro et noe fejn esponiet:

   1. Illi s-socjeta intimata giet notifikata bir-rikors ta' Jane Vella data 6 ta' Jannar 2025 u li minn dan ir-rikors, is-socjeta intimata nghatat hamest' ijiem sabiex tipprezenta r-risposta taghha.

   2. Illi s-socjeta intimata qeghda toggezzjona ghal din it-talba u dan ghar-ragunijiet li ser jigu spjegati f'din ir-risposta

3. Illi s-socjeta intimata otteniet titolu ezekuttiv fil-konfront ta' Jane Vella permezz ta' ittra ufficjali mibghutha ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ittra ufficjali giet debitament notifikata u reza ezekuttiva fil-konfront ta' Jane Vella stante nuqqas ta' oppozizzjoni (vide 'dokument A')

4. Illi qabel xejn jigi rilevat r-rikors odjern gie pprezentat oltre t-terminu ghal prezentata ta' rikors ai termini tal-Artikolu 467(1) tal-Kapitolu 12 u ghalhekk l-istess rikors huwa fuori termine u ghaldaqstant ghandu jigi michud.

5. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rikors taghha, Jane Vella naqset milli tispjega u/jew tipprezenta kwalsiasi dokumentazzjoni sabiex turi u tispjega f'hiex jikkonsisti l-introjtu taghha u inkluz ukoll kull prova ohra sabiex turi li hija qeghda tircievi pensjoni in sostenn tat-talba taghha u ghalhekk l-istess talba ma tistax tigi milqugha.

Ghalhekk is-socjeta intimata filwaqt li qeghda toggezzjona ghat-talba ta' Jane Vella, qeghda titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad l-istess talba ta' Jane Vella salv kull provvediment iehor li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi.

3. Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti u l-atti kollha ipprezentati, inkluz in-noti tal-APS Bank p.l.c. tal-21 ta' Marzu 2025 u tat-22 ta' Mejju 2025.

4. Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Il-Fatti**

5. Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri, li jistghu jigu sintettizati hekk:

i. Fil-5 ta' Dicembru 2024, is-socjeta intimata Automated Renevue Management Services (ARMS) Limited *proprio et nomine* ipprezentat mandat ta' sekwestru ezekuttiv kontra r-rikorrenti Jane Vella ghall-ammont totali ta' disa' mija u tnejn u ghoxrin Euro (€922.00) inkluz l-imghax u spejjez, pero b'rizerva ghal imghax u

spejjez ulterjuri.[1] F'dan il-mandat, is-socjeta sekwestranta indikat li t-titolu ezekuttiv taghha kien provenjenti minn ittra ufficjali mibghuta lis-sekwestrata ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (numru ta' referenza: 1599/2024) li giet notifikata u kontra liema ma saret l-ebda kontestazzjoni fit-terminu moghti skont il-ligi.

ii. Fit-30 ta' Dicembru 2024, l-APS Bank p.l.c. ipprezenta cedola ta' depozitu (numru ta' referenza 3549/2024) fl-atti ta' dan il-mandat fl-ammont ta' disa' mija u tnejn u ghoxrin Euro (€922.00), flus appartenenti lis-sekwestrata. F'din ic-cedola, il-Bank iddikjara li approprja is-somma ulterjuri ta' wiehed u sittin Euro u centezmu (€61.01) mill-kont tas-sekwestrata biex jaghmlu tajjeb ghad-drittijiet u l-ispejjez ta' din ic-cedola ta' depozitu.[2]

iii. Fis-6 ta' Jannar 2025 hija ipprezentat ir-rikors odjern, fejn ippremettiet li l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni gie notifikat lil APS Bank p.l.c., fejn hi ghandha kont bankarju li fih jigu depozitati diversi beneficcji tas-sigurta socjali, u ghalhekk hija ma tistax tutilizza dawn il-beneficji, u dan kontra dak dispost mill-Artikolu 381(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

iv. F'dan ir-rikors, hija qed titlob lil din il-Qorti sabiex tordna lill-APS Bank fergha tal-Mosta, fejn ghandha l-kont uniku taghha, *"biex b'mod immedjat tithalla tigbed l-ammonti ta' flus li ghandha bzonn mill-istess kont, fejn tidhol biss il-pensjoni u xejn aktar, u dan b'effett u b'lura mid-data tan-notifika tal-mandat ta' sekwestru lill-bank."*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*<u>Eccezzjoni Preliminari – Ir-rikors gie ipprezentat fuori termine</u>*

6. Is-socjeta intimata eccepiet preliminarjament li dan ir-rikors gie ipprezentat wara li kien skada t-terminu ghal prezentata ta' rikors ai termini tal-Artikolu 467(1) tal-Kapitolu 12.

[1] Ara fol. 21 tal-process.
[2] Ara fol. 57 u 89 tal-process.

L-abbli difensur tas-socjeta intimata ma ghamilx riferenza ghal din l-eccezzjoni fit-trattazzjoni orali finali, u l-abbli difensur tar-rikorrenti lanqas ghamel sottomissjonijiet fir-rigard. Pero ladarba din l-eccezzjoni ma gietx formalment irtirata, il-Qorti trid bil-fors tikkunsidraha u titrattaha.

7. Ghalkemm huwa vera li fir-rikors taghha, ir-rikorrenti ghamlet sottomissjonijiet fil-meritu rigward il-pretensjoni tas-socjeta intimata kontra taghha, it-talba tar-rikorrenti certament ma tinkwadrax ruhha fil-parametri tal-Artikolu 467(1) tal-Kapitolu 12. Ir-rikorrenti ma talbitx ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni, kif kellha taghmel kieku dan ir-rikors sar ai termini tal-Artikolu 467(1) tal-Kapitolu 12, imma in sustanza talbet sabiex din il-Qorti taghti l-ordnijiet necessarji sabiex l-effetti tal-mandat ma jolqtux il-beneficcji ta' sigurta socjali li hi tircievi fil-kont bankarju taghha.

8. Ir-rikorrenti ma indikatx l-artikolu tal-ligi li tahtu intavolat dan ir-rikors la fir-rikors promotur u lanqas fit-trattazzjoni orali, pero il-Qorti tifhem mis-sustanza tat-talba tar-rikorrenti, li dan ir-rikors sar ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kodici ta' Procedura Civili. Fil-fatt f'sentenza ricenti **Carmelo sive Charles Bianco nomine vs Jamila Essail** deciza fil-25 ta' Jannar 2023, il-Qorti tal-Appell, iddipartiet minn sentenzi ricenti ta' dawn il-Qrati, u irriteniet illi r-rimedju moghti bl-Artikolu 281 tal-Kodici ta' Procedura Civili ikopri wkoll kazijiet fejn ir-rikorrent ma jattakkax l-mertu tat-titolu tal-intimat sekwestrant, izda jattakka biss l-ezekuzzjoni tieghu fuq dawk il-flejjes li huwa jghid li huma beneficcju tas-sigurta socjali li skont il-ligi mhumiex suggetti ghall-ezekuzzjoni ta' mandat ta' sekwestru – ezattament dak li qed taghmel ir-rikorrenti fil-kaz odjern.

9. L-Artikolu 281 tal-Kodici ta' Procedura Civili ma jippreskrivix terminu li fiha ghandu jigi ipprezentat ir-rikors, u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tikkonkludi li dan ir-rikors gie ipprezentat fuori termine.

10. Ghaldaqstant, il-Qorti qed tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta intimata li r-rikors gie intavolat tardivament ai termini tal-Artikolu 467(1) tal-Kodici ta' Procedura Civili.

*Il-Meritu*

11. Ir-rikorrenti xehdet f'dawn il-proceduri li l-uniku kont bankarju taghha kien mal-APS Bank u li fih kienet tircievi biss il-beneficcji tas-sigurta socjali, ghax m'ghandhix introjtu iehor. Ix-xhieda taghha hija korroborata bix-xhieda tal-kugin taghha l-avukat Dottor Anglu Farrugia. Din ix-xhieda ma giet bl-ebda mod kontestata mis-socjeta intimata, u lanqas mill-APS Bank li inghata l-opportunita jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu fir-rigward, u gie anke notifikat bl-avviz tas-smiegh. Din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni valida ghalfejn tiddubita mill-veracita ta' din ix-xhieda, anke in vista tal-istatement tal-kont bankarju tar-rikorrenti ipprezentat mill-APS Bank.

12. In oltre mill-provi migjuba jirrizulta li l-unika pensjoni li giet affettwata b'dan il-mandat hija dik tax-xahar ta' Dicembru 2024, li l-APS Bank iddepozita taht l-awtorita ta' din il-Qorti. Dan ghaliex l-ammont depozitat mill-Bank, kien jissodisfa l-ammont specifikat fil-mandat fl-intier tieghu. Ghalhekk apparti mill-ammont depozitat il-Qorti, ir-rikorrenti kellha access liberu ghar-rimanenti bilanc ta' flus fil-kont taghha, u ghall-beneficcji socjali depozitati fil-kont bankarju minn Jannar 2025 il-quddiem.

13. Ir-rikorrenti qed targumenta li l-Artikolu 381(b) tal-Kodici ta' Procedura Civili huwa car fis-sens li l-beneficcji socjali ma jistghux jigu affettwati bl-ebda mod minn mandat ta' sekwestru. Hija taghmel ukoll riferenza ghall-Artikolu 381(j) li jippreskrivi mandat ta' sekwestru lanqas ghandu b'xi mod jaffetwa kontijiet bankarji li huma użati biss u esklussivament biex jirċievu fihom depożiti *inter alia* ta' beneficcji taht l-Att tas-Sigurta Socjali, bhalma huwa l-kont bankarju taghha.

14. Il-Qorti tqis li jkun opportun li ticcita l-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo sive Charles Bianco nomine vs Jamila Essail** fuq citata, li kienet tittrata kwistjoni kwazi identika ghal dik odjerna:

*"22. Lanqas ma' taqbel mal-appellanta fl-argument tagħha li l-benefiċċju soċjali perċepit mill-appellata huwa suġġett għall-eżekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni ladarba kien depożitat fil-kont bankarju tal-appellata. Il-fatt li dawn il-benefiċċji soċjali ġew depożitati fil-kont bankarju tal-appellata mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali xejn ma jnaqqas mill-fatt li dawn huma benefiċċji tas-sigurtà soċjali li l-*

*leġislatur espressament iddispona m'għandhomx ikunu suġġett għall-effetti ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv. Mid-dokumenti preżentati mill-appellata jirriżulta ċar li l-maġġior parti tal-flejjes li l-appellata għandha depożitati f'dan il-kont huma provenjenti minn ħlasijiet magħmula direttament mid Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u intestati bħala tali fir-rendikont bankarju. Fil-liġi l-leġislatur ma pprovda l-ebda terminu entro liema l-benefiċċju tas sigurtà soċjali depożitat il-bank għandu jinħareġ mill-kont jew jintefaq sabiex ikun ħieles mill-effetti ta' mandat ta' sekwestru effettiv, iżda pprovda biss għal projbizzjoni ġenerali li benefiċċji tas-sigurtà soċjali jiġu maqbuda permezz tal-imsemmi mandat. ... ... Minn dan għandu jsegwi bħala konklużjoni loġika li dawn il-flejjes li jirriżulta ċar li huma benefiċċju tas-sigurtà soċjali m'għandhomx ikunu suġġett għal mandat ta' sekwestru in kwistjoni, u dan sabiex jiġi żgurat li l-intenzjoni tal-leġislatur tiġi fil-fatt attwata."*

15. Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan ir-ragunament tal-Qorti tal-Appell. Izzid biss li l-Artikolu 381(1)(j) tal-Kodici ta' Procedura Civili jghid espressament hekk:
*"Banek li huma indikati bħala sekwestratarji f'mandat ta' sekwestru għandhom jiżguraw li dawn il-kontijiet* [li jircievu biss *inter alia* beneficcji taht l-Att tas-Sigurta Socjali] *ma jiġux milquta bl-effetti tal-istess mandat ta' sekwestru."*

16. Huwa lampanti li fil-kaz odjern, l-APS Bank naqas milli jaderixxi ma' dan l-obbligu impost fuqu mil-ligi, u meta gie notifikat bil-mandat ta' sekwestru in kwistjoni qabad u iddepozita l-fondi li kienu jinsabu fil-kont tar-rikorrenti u li kienu milquta bil-mandat, minghajr ma ivverifika qabel is-sorsi tal-fondi li kienu qieghdin jidhlu f'dak il-kont. Kieku ghamel din il-verifika, il-Bank kien jirrealizza li l-flus li kienu qieghdin jigu depozitati fil-kont kienu kollha beneficcji mahruga mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali. Ironikament, dan in-nuqqas gie rikonoxxot mill-APS Bank stess fin-nota tieghu tat-22 ta' Mejju 2025 fejn issottometta illi *"... ... fit-tieni lok huwa biss wara li l-Bank esponenti jigi formalment notifikat bil-mandat li jkollu l-obbligu li jidentifika u jiddistingwi s-sorsi tal-fondi li jkunu qed jidhlu fil-kontijiet tal-intimata, wara tali notifikazzjoni qabel ma dawn il-fondi jigu depozitati l-Qorti."*

17. Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tas-socjeta intimate wkoll irrikonoxxa li l-izball kien tal-APS Bank, u li s-socjeta intimata ma tahti xejn ghal dan l-izball. Dan huwa minnu, pero min-naha l-ohra, dan ma jfissirx li r-rikorrenti ghandha tbati l-effetti ta' dan

l-izball tal-Bank, u li s-socjeta intimata tista' tapprofitta ruhha minn dan l-izball, billi tigi awtorizzata tizbanka l-flus depozitati bi zball.

18. Is-socjeta intimata tirrileva wkoll li fir-rikors promotur, ir-rikorrenti ma ghamlet l-ebda talba biex il-flus depozitati taht l-awtorita tal-Qorti jigu rifuzi lilha. Huwa vera li fir-rikors promotur ir-rikorrenti ma ghamlitx talba espressa sabiex il-flus depozitati jigu rifuzi lilha, pero hija talbet lil din il-Qorti tawtorizza tigbed l-ammonti ta' flus depozitati l-bank b'effett *"b'lura mid-data tan-notifika tal-istess mandat ta' sekwestru lill-bank."* Il-Qorti tifhem li dan il-kliem jista' jfisser biss, li r-rikorrenti qed titlob li tinghata access ghall-flus kollha li kellha fil-bank fid-data tan-notifika tal-mandat ta' sekwestru lill-Bank, u li ghalhekk implicitament qed titlob li tigi rifuza l-flus depozitati l-Qorti. In oltre, kif sewwa irrileva l-abbli avukat difensur fit-trattazzjoni orali, dawn il-flus gew depozitati fil-Qorti bi ksur tal-ligi.

19. Fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, l-unika mod kif l-izball tal-APS Bank jista' jigi rimedjat – ghall-inqas in parte - huwa billi appuntu r-rikorrenti tigi awtorizzata tizbanka c-cedola ta' depozitu. Il-Qorti uzat il-kliem 'rimedjat – ghall-inqas in parte' ghaliex, kif iddikjara hu stess fic-cedola, il-Bank approprja ghalih innifsu mill-fondi tar-rikorrenti is-somma ta' €61.01 sabiex ikopri d-drittijiet u l-ispejjez tal-prezenti. L-APS Bank mhux parti f'dawn il-proceduri – u lanqas seta' jkun – u ghalhekk il-Qorti ma tistax tikkundanna lil dan il-Bank jirrifondi din is-somma lir-rikorrenti.

**Konkluzjoni**

20. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi:

   1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta intimata li r-rikors promotur gieipprezentat fuori termine.

   2. Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tas-socjeta intimata;

   3. Konsegwentement, tilqa' t-talba tar-rikorrenti fis-sens li tordna li l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 2424/2024 m'ghandux jolqot il-flejjes li diġà ġew jew għad irid jiġu depożitati mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali bħala benefiċċji

soċjali fil-kont bankarju indikat fir-rikors promotur tar-rikorrenti mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali bħala benefiċċju soċjali;

4. Tawtorizza lir-rikorrenti tiżbanka l-flejjes depożitati mill-APS Bank p.l.c. permezz taċ-ċedola numru 3549/2024 – b'rizerva lir-rikorrenti ghad-drittijiet spettanti lilha kontra s-socjeta APS Bank p.l.c. ghall-ammont ta' wiehed u sittin Euro u centezmu (€61.01), li l-Bank approprja ghalih innifsu biex jaghmel tajjeb ghad-drittijiet u l-ispejjez ta' din ic-cedola ta' depozitu.

5. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**